**"Missieri qalli biex nistaħba. Meta ġew is-suldati qatlu 'l ommi u 'l missieri quddiemi. Jien bqajt mistoħbija fejn kont imma s-suldati sabuni u strupprawni. Kien hemm ħafna."** Fl-2002, meta grupp ta' nies armati attakkaw ir-raħal tagħha fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Aurélie kellha 10 snin. Għadha sal-lum tbati minn uġigħ kbir u perjodi twal ta' dipressjoni.

## "Dan hu post terribli għan-nies

Lil ħafna nies li jfittxu l-kenn minn sitwazzjonijiet bħal dawn, il-Gvern Malti jaqfilhom f'ċentri ta' detenzjoni. Ġieli jagħmlu sa sena u nofs magħluqin hemm ġew.

## siegħa hi bħal ġurnata

**"Ara kif sirna - qisna bhejjem ġo gaġġa."** (Kumment ta' persuna maqfula f'daċ-ċentri)

## ġurnata hi bħal xahar

**In-nies f'dawn iċ-ċentri ta' detenzjoni jgħidu li l-agħar ħaġa hija t-tul ta' żmien li jagħmlu hemm ġew.** Imbagħad hemm in-nuqqas ta' spazju personali u l-kundizzjonijiet sanitarji ħżiena li jfissru iktar tbatija għal nies li jkunu diġà għaddew minn martirju sħieħ. Minħabba f'hekk, għadd ta' persuni jkollhom bżonn kura medika għall-problemi mentali li jiżviluppaw kemm idumu maqfulin. Kien hemm persuna li saħansitra kkommettiet suwiċidju waqt li kienet qed tistenna li jibagħtuha lura lejn l-pajjiż minn fejn kienet ħarbet.

## xahar hu bħal sena"

Meta tqabbilha ma' sistemi oħra ta' kif tilqa' l-immigranti li qed ifittxu kenn, id-detenzjoni hija l-iktar sistema li tagħmel ħsara, kemm lid-dinjita tal-persuna kif ukoll lill-finanzi tal-pajjiż. Għaldaqstant ħafna pajjiżi warrbu s-sistema tad-detenzjoni fit-tul u sabu modi kif jilqgħu lil dawn in-nies fil-komunità